MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 642/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Calleja Johnny**

**ID 489172M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta’ Ottubru, 2013, illi ‘l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u tmin ewro tnejn u erbghin centezmu (€308.42) skont l-annessi dokumenti immarkati Dok A, B u C, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni u dak tat-telefon kont numru A/C40178744 moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u tmin ewro tnejn u erbghin centezmu (€308.42) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------